

# Ir-Restawr tal-pittura fil-Knisja Parrokkjali



Dr Franco Pellegrini

Kull bidu mitmum jgħid il-Malti, u l-proċess tar-restawr fil-knisja parrokkjali tagħna tal-pittura tas-saqaf ta' Giuseppe Cali`, mibdi fi żmien il-Kappillan Fr. David Gauci, issa tlesta. Il-Kappillan attwali, l-Kanonku Fr. Joe Cilia, għamel ħiltu biex dan il-proġett jitkompla sa' tmiemu bla waqfien. Meta nbeda l-proġett tar-restawr fl-2001 kien previst li dan ser jieħu fit-tul u li ser jiswa ħafna flus. Bħalma hu magħruf l-ewwel xogħol kien li jsiru dawk it-tiswijiet fl-istruttura tal-knisja li minħabba fihom, in parti, kienet kawżata l-ħsara fil-pittura. Sar ukoll ix-xogħol biex ma jkunx hemm penetrazzjoni tal-ilma tax-xita. Wara bdiet il-ħidma tar-restawr tal-pittura, afdata lil Prevarti Ltd. taħt it-tmexxija ta' Pierre Bugeja.

Ir-restawr tal-pittura nqasam f'diversi fażijiet. Ibda biex riedu jinstabu l-fondi biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż involuti f'kull fażi. Hawn ta min isemmi l-ġenerożita` tal-poplu ta' Ħal Lija, kif ukoll ta' benefatturi oħra, li mill-ewwel wieġeb bil-kontribuzzjonijiet li saru kull xahar fil-ġabra speċjali għal dan l-iskop. B'dan il-mod gie assigurat li fi tmiem tal-proġett l-ispejjeż kollha jkunu mħallsa u l-parroċċa ma jkolliex dejn f'dan ir-rigward.

L-aħħar fażi li għada kemm tlestiet, jiġifieri l-pittura fil-kappellun tar-Rużarju, kif inhu magħruf, ippreżentat diffikulta` li ma kienx hemm fil-partijiet l-oħra tal-knisja. Meta fl-1970 sar ir-restawr preċedenti minn Rafel Bonnici Cali`, il-pittura oriġinali ta' Giuseppe Cali` tant kienet fi stat ħażin li ttieħdet deċiżjoni li s-saqaf jinkesa bi struttura tal-injam u l-pittura eżistenti tiġi replikata mir-restawratur fuq it-tila. Minn dak





iż-żmien għaddew tmienja w erbgħin sena u wieħed jista jimmaġina li jekk il-pittura ta' Giuseppe Cali` dikinhar kienet diġa` fi stat ħażin, aħseb u ara kif saret illum. Minn toqba li kien hemm fis-saqaf tal-injam, permezz tal-endoskopija, seta' jiġi konfermat li l-ħsara fil-pittura ta' Cali` kienet kbira. Għalhekk ġie deċiż mill-knisja li ma jkunx għaqli li wieħed jaqla l-istruttura tal-injam biex jipprova jirranġa l-pittura oriġinali, minkejja li t-teknika tal-konservazzjoni u restawr għamlet progress kbir. Il-pittura ta' Rafel Bonnici Cali` ġarrbet ukoll ħsarat konsiderevoli peress li ġiet attakkata mil-moffa kawża tal-infiltrazzjoni ta' l-ilma mis-saqaf. L-induratura f'dawn il-partijiet ġiet mitlufa kompletament. Qabel inbeda x-xogħol ġie assigurat li l-istruttura tal-injam kienet għada soda u fi stat tajjeb.

Il-pittura ta' Rafel Bonnici Cali` fil-kappellun turi lil San Pietru qed jirċievi l-imfietaħ tal-Ġenna, waqt li l-apside, pittura ta' Ignazio Carlo Cortis, turi lil Kristu jagħmel id-diskors fuq il-muntanja. Ix-xogħol fuq dawn il-pitturi beda fl-aħħar ta' Jannar li għadda. Din id-darba wkoll it-tir kien li x-xogħol jitlesta sa' Mejju biex ikun hemm żmien biżżejjed biex jiżżarma l-armar, u l-pittura tinkixef qabel il-festa titulari. Dan il-għan fil-fatt intlaħaq.

Il-ħsarat li kien hemm f'din il-fażi kienu simili għal dawk tal-fażijiet preċedenti. Il-ħsara ewlenija fuq il-pittura magħmula direttament fuq



il-ġebla kienet ġejja mill-umdita` kawżata mill-ilma li daħal mis-saqaf. Dan affettwa sew il-pittura kemm l-induratura. Din l-umdita` tikkawża tbajja u l-formazzjoni ta' kristalli tal-melħ wara li jinxef l-ilma. Anki l-verniċ li ġie użat oriġinarjament flimkien mat-trab u l-ħmieġ li ġie depożitat mal-medda taż-żmien irrenda l-pittura mdallma. Il-verniċ li issa ġie użat fir-restawr ma jisfarx u l-anqas joskura biż-żmien; għalhekk il-pittura tibqa tidher sabieħa u friska.

Issa li tlesta x-xogħol kollu tar-restawr tal-pittura, it-tama tiegħi hi, li waqt li nammirraw is-sbuħija tal-pittura, fl-istess ħin nimmeditaw fuq l-episodji u l-personaġġi mill-Vanġelu li huma rappreżentati fil-pitturi. B'hekk l-arti li ġiet salvagwardata, minbarra li sservi biex isebbaħ it-tempju tal-ġebel, tkun mezz ta' talb u ta' qdusija għal kull min jikkontemplaha. Fl-aħħar mill-aħħar din għandha tkun l-akbar xewqa ta' kull nisrani.

Aħna tempju tal-Ispirtu s-Santu u jixraq li dan insebbħuh wisq iżjed mit-tempju tal-ġebel.

Jalla l-festa li ġejja u kull festa oħra tressaqna dejjem iżjed lejn Ġesu` Salvatur. Il-Mulej iberikna lkoll.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.






Twelve 03
Bar & Grill
(taz-Ziz)





Pjazza Orvieto, Kercem
Tel: 21560490 – Mob:99823706
Email:ziz203@hotmail.com

Appetizers with drinks